

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 209

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

### Leġiżlazzjoni

Volum 56

3 ta' Awwissu 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 513/2013, li jipponi dazju provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltaċċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jigħifieri c-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ..... 1

Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħxejjex ..... 12

#### DEĊIJONIJIET

2013/419/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqis u l-htigġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeż-ji tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ..... 14

2013/420/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (FEG/2013/000 TA 2013 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) ..... 16

Prezz: EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2013/421/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR, fir-rigward tal-proposta biex tīgħi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti koperti mill-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975) ..... 17

2013/422/UE:

- ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (notifikata bid-dokument C(2013) 4880) (1) ..... 21

2013/423/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awwissu 2013 li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kris-tallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri c-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ..... 26

---

Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Ara paġna 3 tal-qoxra)

Nota lill-qarrejja – kif tirreferi għall-atti (Ara paġna 3 tal-qoxra)



(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## II

(Attī mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 748/2013

tat-2 ta' Awwissu 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 513/2013, li jiponni dazju provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltaċċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfiers) li joriġinaw jew jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (¹) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## PROĊEDURA

- (1) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 513/2013 (²), il-Kummissjoni imponiet dazju provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli fotovoltaċċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfiers) li joriġinaw jew jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2013/423/UE (³) il-Kummissjoni aċċettat l-offerta ta' impenn minn grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (CCCME).
- (3) L-aċċettazzjoni tal-impenn teħtieġ emendi tekniċi għar-Regolament (UE) Nru 513/2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jiddaħħlu intestatura J-ġdida u premessa 282 ġdida:

## J. DIKJARAZZJONI DOGANALI

- (282) Statistika ta' pannelli solari u l-komponenti ewlenin tagħhom ta' spiss hija expressa f'numru ta' partijiet jew Watt. Madankollu, ma teżistix unità supplimentari bħal din għall-pannelli solari u l-komponenti ewlenin tagħhom speċifikati fin-Nomenklatura Magħ-

quda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (\*). Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stipulat li mhux biss il-piż flikogrammi jew tunnellati iżda wkoll in-numru ta' partijiet jew Watt għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat iridu jiddaħħlu fid-dikjarazzjoni għarr-riċċax għal-ċirkolazzjoni ħielsa. Il-partijiet għandhom jiġu indikati għall-kodiċi TARIC 3818 00 10 11 u 3818 00 10 19 u l-Watt għandhom jiġu indikati għall-kodiċi TARIC 8541 40 90 21, 8541 40 90 29, 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39.

(\*) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1."

- (2) It-tabella fl-Artikolu 1, paragrafu 2 (ii) hija sostitwita bit-tabella li ġeja:

Kumpanija	Rata tad-Dazju	Kodiċi addizzjonal TARIC
Changzhou Trina Solar Energy Co. Ltd	51,5 %	B791
Trina Solar (Changzhou) Science & Technology Co. Ltd		
Changzhou Youze Technology Co., Ltd		
Delsolar (Wujiang) Ltd	67,9 %	B792
Jiangxi LDK Solar Hi-Tech Co. Ltd	55,9 %	B793
LDK Solar Hi-Tech (Nanchang) Co. Ltd		
LDK Solar Hi-Tech (Suzhou) Co. Ltd		
LDK Solar Hi-Tech (Hefei) Co. Ltd	55,9 %	B927
JingAo Solar Co.Ltd.	58,7 %	B794
Shanghai JA Solar Technology Co. Ltd.		

¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

²) ĠU L 152, 5.6.2013, p. 5

³) Ara l-paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

Kumpanija	Rata tad-Dazju	Kodiċi addizzjonali TARIC
JA Solar Technology Yangzhou Co. Ltd. Hefei JA Solar Technology Co. Ltd. Shanghai JA Solar PV Technology Co. Ltd.		
Jinzhou Yangguang Energy Co. Ltd Jinzhou Huachang Photovoltaic Technology Co. Ltd Jinzhou Jinmao Photovoltaic Technology Co. Ltd Jinzhou Rixin Silicon Materials Co. Ltd Jinzhou Youhua Silicon Materials Co. Ltd	38,3 %	B795
Wuxi Suntech Power Co. Ltd Suntech Power Co. Ltd Wuxi Sunshine Power Co. Ltd Luoyang Suntech Power Co. Ltd Zhenjiang Rietech New Energy Science Technology Co. Ltd Zhenjiang Ren De New Energy Science Technology Co. Ltd	48,6 %	B796
Yingli Energy (China) Co. Ltd Baoding Tianwei Yingli New Energy Resources Co. Ltd Hainan Yingli New Energy Resources Co. Ltd Hengshui Yingli New Energy Resources Co. Ltd Tianjin Yingli New Energy Resources Co. Ltd Lixian Yingli New Energy Resources Co. Ltd Baoding Jiasheng Photovoltaic Technology Co. Ltd Beijing Tianneng Yingli New Energy Resources Co. Ltd Yingli Energy (Beijing) Co. Ltd	37,3 %	B797
Kumpaniji elenkti fl-Anness I	47,6 %	
Il-kumpaniji l-oħra kollha	67,9 %	B999"

(3) L-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu u l-Artikolu 4 jingħata numru ġdid bħala l-Artikolu 8:

#### "Artikolu 4

Meta dikjarazzjoni għar-riłaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa hija ppreżentata fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' dawk il-pannelli solari u komponenti ewlenin li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi TARIC 3818 00 10 11, 3818 00 10 19, 8541 40 90 21, 8541 40 90 29, 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39, dawk il-kodiċi TARIC jitniżżlu fil-qasam rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

L-Istati Membri, fuq bażi ta' kull xahar, jinfurmaw lill-Kummissjoni rigward in-numru tal-partijiet importati taħt il-kodiċi TARIC 3818 00 10 11 u 3818 00 10 19 u n-numru ta' Watt għall-kodiċi TARIC 8541 40 90 21, 8541 40 90 29, 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39, u l-oriġini tagħhom.

#### Artikolu 5

Meta dikjarazzjoni għar-riłaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa hija ppreżentata fir-rigward tal-prodotti msemmija fl-Artikoli 1 u 4, in-numru ta' partijiet taħt il-kodiċi TARIC 3818 00 10 11, 3818 00 10 19, u n-numru ta' Watt taħt il-kodiċi TARIC 8541 40 90 21, 8541 40 90 29, 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39 tal-prodotti importati jitniżżlu fil-qasam rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

#### Artikolu 6

1. L-importazzjonijiet iddkjarati għar-riłaxx fċirkolazzjoni ħielsa għal prodotti li attwalment jinsabu fil-kodiċijiet NM ex 3818 00 10 (kodiċi TARIC 3818 00 10 11, 3818 00 10 19), il-kodiċi NM ex 8541 40 90 (kodiċi TARIC 8541 40 90 21, 8541 40 90 29, 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39) li huma mogħnija b'fattura minn kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u l-ismiċċi tagħhom huma elenkti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/423/UE, ikunu eżenti mid-dazju tal-antidumping impost mill-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

- (a) kumpanija elenkti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/423/UE immanifaturat, ittrasportat u ffatturat direttament il-prodotti msemmija hawn fuq jew permezz tal-kumpanija relatata tagħha li hija wkoll elenkti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/423/UE lill-kumpaniji relatati tagħhom l-Unjoni li jaġixxu bħala importatur u l-approvażzjoni tal-merkanzija għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni jew lill-ewwel klijent indipendenti li jaġixxi bħala importatur u l-approvażzjoni tal-merkanzija għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni; kif ukoll
- (b) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li jkun fiha mill-inqas il-punti u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament; u
- (c) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn Ċertifikat ta' Impenn ta' Esportazzjoni skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament; u
- (d) il-merkanzija ddikjarata u ppreżentata lid-dwana tikkor-rispondi preċiżżamento għad-deskrizzjoni fuq il-fattura tal-impenn.

2. Dejn doganali jiġi arrabba fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-riłaxx fċirkolazzjoni ħielsa:

- (a) meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li ma tiġix sodisfatta waħda jew aktar mill-kundizzjoni imsemmija fdak il-paragrafu; jew

(b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn tagħha skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 f'Regolament jew Deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikulari u jiddikjaraw il-fatturi ta' impenn rilevanti bħala invalidi.

#### Artikolu 7

Il-kumpaniji li l-impenji tagħhom ikunu aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom ikunu elenkti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/423/UE u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet spċificati hemm-hekk, ukoll se joħorġu fattura għal tranżazzjonijiet li mhumiex eżentati mid-dazji tal-antidumping. Din il-fattura hija fattura kummerċjali li jkun fiha tal-inqas il-punti stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament."

(4) L-Anness jinbidel u jingħata isem ġdid bħala l-Anness I u jiddah lu l-Annessi II-IV kif ġej:

#### ‘ANNESS I

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonal TARIC
Jiangsu Aide Solar Energy Technology Co. Ltd	B798
Alternative Energy (AE) Solar Co. Ltd	B799
Anhui Chaoqun Power Co. Ltd	B800
Anhui Schutten Solar Energy Co. Ltd	B801
Quanjiao Jingkun Trade Co., Ltd.	
Anji DaSol Solar Energy Science & Technology Co. Ltd	B802
Arhui Titan PV Co. Ltd	B803
Xi'an SunOasis (Prime) Company Limited	B804
TBEA SOLAR CO. LTD	
XINJIANG SANG'O SOLAR EQUIPMENT	
CSI Solar Power (China) Inc.	B805
Canadian Solar Manufacturing (Changshu) Inc.	
Canadian Solar Manufacturing (Luoyang) Inc.	
CSI Cells Co. Ltd	
Changzhou NESL Solartech Co. Ltd	B806
Changzhou Shangyou Lianyi Electronic Co. Ltd	B807
CHINALAND SOLAR ENERGY CO. LTD	B808
China Sunergy (Nanjing) Co. Ltd.	B809
CEEG Nanjing Renewable Energy Co. Ltd	
CEEG (Shanghai) Solar Science Technology Co. Ltd.	
China Sunergy (Yangzhou) Co. Ltd.	
China Sunergy (Shanghai) Co. Ltd.	
Chint Solar (Zhejiang) Co., Ltd	B810
ChangZhou EGing Photovoltaic Technology Co. Ltd	B811

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
CIXI CITY RIXING ELECTRONICS CO. LTD.	B812
ANHUI RINENG ZHONGTIAN SEMICONDUCTOR DEVELOPMENT CO. LTD.	
HUOSHAN KEBO ENERGY & TECHNOLOGY CO. LTD.	
CNPV Dongying Solar Power Co. Ltd	B813
CSG PVtech Co. Ltd	B814
DCWATT POWER Co. Ltd	B815
Dongfang Electric (Yixing) MAGI Solar Power Technology Co. Ltd	B816
EOPLLY New Energy Technology Co. Ltd	B817
Era Solar Co. Ltd	B818
ET Solar Industry Limited	B819
ET Energy Co.,Ltd	
Dotec Electric Co. Ltd	B928
GD Solar Co. Ltd	B820
Greenway Solar-Tech (Shanghai) Co. Ltd	B821
Guodian Jintech Solar Energy Co. Ltd.	B822
GS PV Holdings Group	B823
Hangzhou Bluesun Solar Energy Technology Co. Ltd	B824
Hangzhou Zhejiang University Sunny Energy Science and Technology Co., Ltd	B825
Zhejiang Jinbest Energy Science and Technology Co., Ltd	
Hanwha SolarOne (Qidong) Co. Ltd.	B826
Hanwha SolarOne Co. Ltd	B829
Hengdian Group DMEGC Magnetics Co. Ltd	B827
HENGJI PV-TECH ENERGY CO.,LTD.	B828
Himin Clean Energy Holdings Co. Ltd	B829
Jetion Solar (China) Co. Ltd	B830
Jiangsu Green Power PV Co. Ltd	B831
Jiangsu Hosun Solar Power Co. Ltd	B832
Jiangsu Jiasheng Photovoltaic Technology Co. Ltd	B833
Jiangsu Runda PV Co. Ltd	B834

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
Jiangsu Sainty Photovoltaic Systems Co. Ltd	B835
Jiangsu Sainty Machinery Imp. And Exp. Corp.,Ltd.	
Jiangsu Seraphim Solar System Co. Ltd	B836
Jiangsu Shunfeng Photovoltaic Technology Co. Ltd	B837
Changzhou Shunfeng Photovoltaic Materials Co. Ltd	
Jiangsu Shunfeng Photovoltaic Electronic Power Co. Ltd	
Jiangsu Sinski PV Co. Ltd	B838
Jiangsu Sunlink PV Technology Co. Ltd	B839
Jiangsu Zhongchao Solar Technology Co. Ltd	B840
Jiangxi Risun Solar Energy Co. Ltd	B841
Jiangyin Hareon Power Co. Ltd	B842
Hareon Solar Technology Co. Ltd	
Taicang Hareon Solar Energy Co. Ltd	
Jiangyin Shine Science and Technology Co. Ltd	B843
Jinggong P-D Shaoxing Solar Energy Tech Co. Ltd	B844
Jinko Solar Co. Ltd	B845
Jinko Solar Import and Export Co. Ltd	
ZHEJIANG JINKO SOLAR CO. LTD	
ZHEJIANG JINKO SOLAR TRADING CO. LTD	
Juli New Energy Co. Ltd	B846
Jumao Photonic (Xiamen) Co. Ltd	B847
King-PV Technology Co. Ltd	B848
Kinve Solar Power Co. Ltd (Maanshan)	B849
Konca Solar Cell Co. Ltd	B850
Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co. Ltd	
Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co. Ltd	
Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd	
GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited	
GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd	
GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED	
GCL Solar System (Suzhou) Limited	
Lightway Green New Energy Co. Ltd	B851
Lightway Green New Energy (Zhuozhou) Co. Ltd	
Motech (Suzhou) Renewable Energy Co. Ltd	B852

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
Nanjing Daqo New Energy Co. Ltd	B853
NICE SUN PV CO. LTD	B854
LEVO SOLAR TECHNOLOGY CO. LTD	
Ningbo Best Solar Energy Technology Co. Ltd	B855
Ningbo Huashun Solar Energy Technology Co.,Ltd	B856
Ningbo Jinshi Solar Electrical Science & Technology Co. Ltd	B857
Ningbo Komaes Solar Technology Co. Ltd	B858
Ningbo Osda Solar Co. Ltd	B859
Ningbo Qixin Solar Electrical Appliance Co. Ltd	B860
Ningbo South New Energy Technology Co. Ltd	B861
Ningbo Sunbe Electric Ind Co. Ltd	B862
Ningbo Ulica Solar Science & Technology Co. Ltd.	B863
Perfectenergy (Shanghai) Co. Ltd	B864
Perlight Solar Co. Ltd	B865
Phono Solar Technology Co. Ltd	B866
Sumec Hardware & Tools Co. Ltd	
Qingdao Jiao Yang Lamping Co. Ltd	B867
RISEN ENERGY CO. LTD	B868
SHANDONG LINUO PHOTOVOLTAIC HI-TECH CO. LTD	B869
SHANGHAI ALEX SOLAR ENERGY SCIENCE & TECHNOLOGY CO. LTD	B870
SHANGHAI ALEX NEW ENERGY CO. LTD	
Shanghai BYD Co. Ltd	B871
BYD(Shangluo)Industrial Co.Ltd	
Shanghai Chaori Solar Energy Science & Technology Co. Ltd	B872
Shanghai Chaori International Trading Co., Ltd	
Shanghai Propsol New Energy Co. Ltd	B873
Propsol (Zhejiang) New Energy Technology Co. Ltd	
SHANGHAI SHANGHONG ENERGY TECHNOLOGY CO. LTD	B874
SHANGHAI SOLAR ENERGY S&T CO. LTD	B875
Shanghai Shenzhou New Energy Development Co. Ltd	
Lianyungang Shenzhou New Energy Co. Ltd	

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
Shanghai ST-Solar Co. Ltd	B876
Jiangsu ST-Solar Co. Ltd	
Shanghai Topsolar Green Energy Co. Ltd	B877
Shenzhen Sacred Industry Co. Ltd	B878
Shenzhen Sungold Solar Co. Ltd	B879
Shenzhen Topray Solar Co. Ltd	B880
Shanxi Topray Solar Co. Ltd	
Leshan Topray Cell Co. Ltd	
Sopray Energy Co. Ltd	B881
Shanghai Sopray New Energy Co. Ltd	
SUN EARTH SOLAR POWER CO. LTD.	B882
NINGBO SUN EARTH SOLAR POWER CO. LTD.	
Ningbo Sun Earth Solar Energy Co. Ltd.	
SUZHOU SHENGLONG PV-TECH CO. LTD	B883
TDG Holding Co. Ltd	B884
Tianwei New Energy Holdings Co. Ltd	B885
Tianwei New Energy (Chengdu) PV Module Co. Ltd	
Wenzhou Jingri Electrical and Mechanical Co. Ltd	B886
Winsun New Energy Co. Ltd	B887
Worldwide Energy and Manufacturing USA Co. Ltd	B888
Wuhu Zhongfu PV Co. Ltd	B889
Wuxi Sajijing Solar Co. Ltd	B890
Wuxi Shangpin Solar Energy Science and Technology Co. Ltd	B891
Wuxi Solar Innova PV Co. Ltd	B892
Wuxi Taichang Electronic Co. Ltd	B893
Wuxi Machinery & Equipment Import & Export Co., Ltd.	
Wuxi Taichen Machinery & Equipment Co., Ltd.	
Wuxi UT Solar Technology Co. Ltd	B894
Xiamen Sona Energy Co. Ltd	B895
Xi'an Huanghe Photovoltaic Technology Co. Ltd	B896
State-run Huanghe Machine-Building Factory Import and Export Corporation	
Shanghai Huanghe Fengjia Photovoltaic Technology Co. Ltd	

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
Xi'an LONGi Silicon Materials Corp.	B897
Wuxi LONGi Silicon Materials Co., Ltd.	
Years Solar Co. Ltd	B898
Yuhuan BLD Solar Technology Co. Ltd	B899
Zhejiang BLD Solar Technology Co. Ltd	
Yuhuan Sinosola Science & Technology Co. Ltd	B900
Yunnan Tianda Photovoltaic Co. Ltd	B901
Zhangjiagang City SEG PV Co. Ltd	B902
Zhejiang Fengsheng Electrical Co. Ltd	B903
Zhejiang Global Photovoltaic Technology Co. Ltd	B904
Zhejiang Heda Solar Technology Co. Ltd	B905
Zhejiang Jiutai New Energy Co. Ltd	B906
Zhejiang Topoint Photovoltaic Co. Ltd	
Zhejiang Yutai Photovoltaic Material Co. Ltd	B930
Zhejiang Kingdom Solar Energy Technic Co. Ltd	B907
Zhejiang Koly Energy Co. Ltd	B908
Zhejiang Longbai Photovoltaic Tech Co. Ltd	B909
Zhejiang Mega Solar Energy Co. Ltd	B910
Zhejiang Shuqimeng Photovoltaic Technology Co. Ltd	B911
Zhejiang Shinew Photoelectronic Technology Co. Ltd	B912
Zhejiang SOCO Technology Co. Ltd	B913
Zhejiang Sunflower Light Energy Science & Technology Limited Liability Company	B914
Zhejiang Yauchong Light Energy Science & Technology Co. Ltd	
Zhejiang Sunrupu New Energy Co. Ltd	B915
Zhejiang Tianming Solar Technology Co. Ltd	B916
Zhejiang Trunsun Solar Co. Ltd	B917
Zhejiang Beyondsun PV Co. Ltd	
Zhejiang Wanxiang Solar Co. Ltd	B918
Zhejiang Xiongtai Photovoltaic Technology Co. Ltd	B919
ZHEJIANG YUANZHONG SOLAR CO. LTD	B920

Isem tal-Kumpanija	kodiċi addizzjonali TARIC
RENESOLA ZHEJIANG LTD	B921
RENESOLA JIANGSU LTD	
Zhongli Talesun Solar Co. Ltd	B922
ZNSHINE PV-TECH CO. LTD	B923
Zytech Engineering Technology Co. Ltd	B924

## ANNESS II

L-elementi li ġejjin ikunu indikati fil-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-Kumpanija lill-Unjoni Ewropea ta' merkanzija li hija soġġetta għall-Impenn:

1. L-Intestatura “FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-MERKANZIJA SOĠĠETTI GĦAL IMPENN”.
2. L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali.
3. In-numru tal-Fattura Kummerċjali.
4. Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-merkanzija fuq il-fattura għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni.
6. Id-deskrizzjoni flingwa ċara u eżatta tal-oġġetti u:
  - in-numru ta' kodiċi tal-prodott (PCN),
  - spċificazzjonijiet tekniċi tal-PCN,
  - in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),
  - il-kodiċi NM;
  - il-kwantità (għandha tingħata funitajiet espresso f'Watt għal moduli u ċelluli jew partijiet għal wejfars),
7. Id-deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' bejgħ, inkluż:
  - prezz għal kull unità (Watt għal moduli u ċelluli jew partijiet għal wejfars),
  - it-termini applikabbli għall-ħlas,
  - it-termini applikabbli għall-kunsinna,
  - ir-roħs u r-ribass totali.
8. L-isem tal-Kumpanija li taġixxi bħala importatur li lilha tinħareġ il-fattura direttament mill-Kumpanija.
9. L-isem tal-uffiċjal tal-Kumpanija li tkun ħarġet il-Fattura Kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġeja:

“Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Unjoni Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qed isir fil-kamp ta' applikazzjoni u skont il-kundizzjonijiet tal-imperf minn [KÜMPANIJA], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2013/423/UE. Jien niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din ilfattura hija kompluta u korretta.”

## ANNESS III

## ĊERTIFIKAT TA' IMPENN TA' ESPORTAZZJONI

Il-punti li ġejjin ikunu indikati fiċ-Ċertifikat ta' Impenn ta' Esportazzjoni li jinħaeġ minn CCCME għal kull Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-Kumpanija lill-Unjoni Ewropea ta' merkanzija li hija soġġetta għall-Impenn:

1. L-isem, l-indirizz, in-numri tal-faks u tat-telefon tal-Kamra tal-Kummerċ Činiżha għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u ta' Prodotti Elettroniċi (CCCME).

2. L-isem tal-kumpanija msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/423/UE li toħroġ il-Fattura Kummerċjali.
  3. In-numru tal-Fattura Kummerċjali.
  4. Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.
  5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-oġġetti fuq il-fattura għandhom jiġi rilaxxati mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni.
  6. Id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti, inklużi:
    - in-numru ta' kodiċi tal-prodott (PCN),
    - l-ispeċifikazzjoni teknika tal-oġġetti, in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC) (jekk applikabbli),
    - il-kodiċi NM;
  7. Il-kwantità preċiża funitajiet esportati espressi f'Watt (għal moduli u ċelluli jew partijiet (għal wejfers),
  8. In-numru u d-data tal-iskadenza (tliet xhur wara l-ħruġ) taċ-ċertifikat.
  9. L-isem tal-uffiċċjal ta' CCCME li jkun ħareġ iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni ffurmata li ġejja:
 

"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li din il-liċenzja hi mogħtija għal esportazzjonijiet diretti lejn l-Unjoni Ewropea tal-merkanzija koperta mill-Fattura Kummerċjali li tikkumpanja l-bejħ li hu soġġett għall-impenn u li ċ-ċertifikat ikun maħruġ fil-kamp ta' applikazzjoni u skont it-termini tal-impenn offrutt minn [kumpanija] u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2013/423/UE. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'dan iċ-ċertifikat hi korretta u li l-kwantità koperta b'dan iċ-ċertifikat ma taqbiżx il-limitu tal-impenn."
  10. Data.
  11. Il-firma u s-siġill ta' CCCME.
- 

#### ANNESS IV

- L-elementi li ġejjin ikunu indikati fil-Fattura Kummerċjali li tikkumpanja l-bejħ tal-Kumpanija lill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti li huma soġġetti għad-dazji tal-antidumping:
1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL DAZJI TAL-ANTIDUMPING"
  2. L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali.
  3. In-numru tal-Fattura Kummerċjali.
  4. Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.
  5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-merkanzija fuq il-fattura għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni.
  6. Id-deskrizzjoni flingwa ċara u eżatta tal-oġġetti u:
    - in-numru ta' kodiċi tal-prodott (PCN),
    - spesifikazzjonijiet tekniċi tal-PCN,
    - in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),
    - il-kodiċi NM;
    - il-kwantità (għandha tingħata funitajiet espressi f'Watt għal moduli u ċelluli) jew partijiet għal wejfers),
  7. Id-deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' bejħ, inkluż:
    - il-prezz għal kull unità (Watt għal moduli u ċelluli jew partijiet għal wejfers),
    - it-termini applikabbli għall-ħlas,
    - it-termini applikabbli għall-kunsinna,
    - ir-roħs u r-ribass totali.
  8. L-isem u l-firma tal-uffiċċjal tal-Kumpanija li tkun ħarġet il-Fattura Kummerċjali.'

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Awwissu 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 749/2013

tat-2 ta' Awwissu 2013

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettal-jati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbl ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNESS

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ġnejx**

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (¹)	Valur standard tal-importazzjoni (EUR/100 kg)
0709 93 10	TR	118,5
	ZZ	118,5
0805 50 10	AR	86,5
	BO	73,4
	CL	73,3
	TR	71,0
	UY	86,3
	ZA	90,8
0806 10 10	ZZ	80,2
	CL	140,3
	EG	185,9
	MA	180,7
	TR	178,1
0808 10 80	ZZ	171,3
	AR	151,0
	BR	85,6
	CL	132,0
	CN	71,5
	NZ	125,9
0808 30 90	US	149,4
	ZA	118,2
	ZZ	119,1
	AR	129,1
	CL	138,2
	NZ	148,9
0809 29 00	TR	158,9
	ZA	107,4
	ZZ	136,5
0809 30	CA	303,6
	TR	323,7
	ZZ	313,7
0809 40 05	TR	149,4
	ZZ	149,4
0809 40 05	BA	50,3
	XS	60,5
	ZZ	55,4

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Lulju 2013

**li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

(2013/419/UE)

### IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod, u b'mod partikolari l-punt 29 tiegħu (¹),

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (²) jistipula dispożizzjonijiet tranżitorji fi kwistjonijiet baġitarji.
- (2) Il-Konferenza tal-Adeżjoni tat-30 ta' Ġunju 2011 approvat ir-riżultati tan-negozjati li ddeterminaw il-ħtiġijiet tan-nefqa, li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) L-adeżjoni tal-Kroazja tirrikjedi aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007–2013 għas-sena 2013 u żieda tal-limiti massimi ta' approprazjonijiet ta' impenn għas-sena 2013 bl-ammont totali ta' EUR 603 miljun fi prezzijiet attwali, maqsumin f'EUR 47 miljun għas-subintestatura 1a, EUR 450 miljun għas-subintestatura 1b, EUR 31 miljun għas-subintestatura 3b u EUR 75 miljun għall-intestatura 6, li għandha tīgi kkumpensata bis-sħiħ bi tnaqqis fil-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2013 skont l-intestatura 5 għall-istess ammont.

(4) L-adeżjoni tal-Kroazja tirrikjedi wkoll l-aġġustament tal-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2013, billi jiżdied b'ammont ta' EUR 374 miljun fi prezzijiet attwali.

(5) Il-qafas finanzjarju għall-Unjoni Ewropea maqbul fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod għandu jiġi aġġustat biex iqis l-adeżjoni tal-Kroazja għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2013.

(6) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod għandu għal-daqstant jiġi emendat kif xieraq (³),

### ADOTTAW DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu Waħdieni*

L-Anness I għall-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10.

<sup>(3)</sup> Għal dan il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehim imsemmi hawn fuq huma maqluba għal prezzijiet tal-2004.

## ANNESS

## QAFAS FINANZJARJU 2007–2013

(miljuni ta' EUR — prezzi jiet kostanti 2004)

Appropriazzjonijiet ta' impenn	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Totali 2007-2013
<b>1. Tkabbir sostenibbli</b>	<b>50 865</b>	<b>53 262</b>	<b>55 879</b>	<b>56 435</b>	<b>55 693</b>	<b>57 708</b>	<b>59 111</b>	<b>388 953</b>
1a Kompetittivitāt għat-Tkabbir u l-Impjieg	8 404	9 595	12 018	12 580	11 306	12 677	13 112	79 692
1b Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjieg	42 461	43 667	43 861	43 855	44 387	45 031	45 999	309 261
<b>2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali</b>	<b>51 962</b>	<b>54 685</b>	<b>51 023</b>	<b>53 238</b>	<b>52 136</b>	<b>51 901</b>	<b>51 284</b>	<b>366 229</b>
li minnhom: nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	43 120	42 697	42 279	41 864	41 453	41 047	40 645	293 105
<b>3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja</b>	<b>1 199</b>	<b>1 258</b>	<b>1 375</b>	<b>1 503</b>	<b>1 645</b>	<b>1 797</b>	<b>2 014</b>	<b>10 791</b>
3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	600	690	785	910	1 050	1 200	1 390	6 625
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	624	4 166
<b>4. UE bħala attur globali</b>	<b>6 199</b>	<b>6 469</b>	<b>6 739</b>	<b>7 009</b>	<b>7 339</b>	<b>7 679</b>	<b>8 029</b>	<b>49 463</b>
<b>5. Amministrazzjoni <sup>(1)</sup></b>	<b>6 633</b>	<b>6 818</b>	<b>6 816</b>	<b>6 999</b>	<b>7 044</b>	<b>7 274</b>	<b>7 106</b>	<b>48 690</b>
<b>6. Kumpensi</b>	<b>419</b>	<b>191</b>	<b>190</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>63</b>	<b>863</b>
<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn totali</b>	<b>117 277</b>	<b>122 683</b>	<b>122 022</b>	<b>125 184</b>	<b>123 857</b>	<b>126 359</b>	<b>127 607</b>	<b>864 989</b>
bħala perċentwali tad-DGN	1,08 %	1,09 %	1,06 %	1,06 %	1,03 %	1,03 %	1,01 %	1,05 %

Appropriazzjonijiet ta' pagament totali	115 142	119 805	109 091	119 245	116 394	120 649	120 731	821 057
bħala perċentwali tad-DGN	1,06 %	1,06 %	0,95 %	1,01 %	0,97 %	0,98 %	0,96 %	1,00 %
Marġini disponibbli	0,18 %	0,18 %	0,29 %	0,22 %	0,26 %	0,25 %	0,27 %	0,23 %
Limitu massimu tar-riżorsi proprii bħala perċentwali tad-DGN	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %

<sup>(1)</sup> In-nefqa fuq il-pensionijiet inkluża taħt il-limitu massimu ta' din l-intestatura hija kkalkolata bil-kontribuzzjonijiet tal-personal fl-iskema rilevanti mnaqqsa, li ma taqbix il-EUR 500 miljun skont il-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Lulju 2013

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (FEG/2013/000 TA 2013 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)**

(2013/420/UE)

### IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf sabiex jipprovdji appoġġ addizzjonal lil ħaddiema li nghatawa is-sensja li jebtu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jistipula li 0,35 % tal-ammont massimu annwali jista' jsir disponibbi kull

sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għalhekk qed tipproponi li timmobilizza l-ammont ta' EUR 750 000.

- (4) Il-FEG għandu, għaldaqstant, jiġi mmobilizzat biex jipprovdji għaż-żgħaż-żgħadha għall-ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdji s-somma ta' EUR 750 000 fapproprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

### ADOTTAW DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdji s-somma ta' EUR 750 000 fapproprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Parlament Ewropew*

Il-President  
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

Il-President  
L. LINKEVIČIUS

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Ġunju 2013

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR, fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' ogħetti koperti mill-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975)**

(2013/421/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' ogħetti koperti mill-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 ġiet approvata f'isem l-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78<sup>(1)</sup> u dāħlet fis-seħħ fl-Unjoni fl-20 ta' Ġunju 1983<sup>(2)</sup>.
- (2) Verżjoni konsolidata tal-Konvenzjoni TIR ġiet ippubblikata bħala Anness fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/477/KE<sup>(3)</sup>, skont liema l-Kummissjoni għandha tippubblika emendi futuri tal-Konvenzjoni TIR f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fejn tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (3) Wara deliberazzjonijiet twal, f'Ottubru 2011, il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) iddeċieda li kien hemm bżonn isiru xi modifikkazzjonijiet għall-Konvenzjoni TIR. Dawn il-modifikasi jikkonċernaw l-Artikolu 6 u l-introduzzjoni ta' Parti III ġdida fl-Anness 9 tal-Konvenzjoni TIR li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati minn organizzazzjoni internazzjonali li tkun awtorizzata tieħu r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament effettivi ta' sistema internazzjonali ta' garanziji u li tistampa u tqassam Carnets TIR.
- (4) L-emendi proposti għall-Konvenzjoni TIR jintroduċu definizzjoni tal-organizzazzjoni internazzjonali u jiddefinixxu b'mod ċar il-proċess ta' awtorizzazzjoni tagħha. L-introduzzjoni ta' parti III ġdida fl-Anness 9, se tikkomplimenta l-għan ta' dak l-Anness billi tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' dawk kollha involuti

fis-sistema TIR u żżid it-trasparenza fl-immaniġġjar tagħha. L-introduzzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti fit-test ġuridiku għall-Konvenzjoni TIR ser-tissimplifika wkoll it-test tal-ftehim bil-miktub bejn l-UNECE u l-organizzazzjoni internazzjonali skont in-Nota ta' Spiegazzjoni 0.6.2 bis 2 għall-Artikolu 6 paragrafu 2 tal-Konvenzjoni TIR.

- (5) Fi ħdan il-Kumitat tal-Leġiżlazzjoni Doganali (Koordinazzjoni Ġinevra), id-delegati tal-Istati Membri kollha esprimew opinjoni favorevoli dwar il-proposta għall-emenda.
- (6) Fil-53 sessjoni tiegħu fi Frar 2012, il-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR adotta l-emendi proposti tal-Konvenzjoni TIR, soġġett għat-testija tal-proċeduri interni tal-Unjoni.
- (7) Fil-5 ta' Lulju 2012, il-Kumitat Amministrattiv ittrażmetta lis-Segretarju Ġenerali, skont l-Artikolu 59(1) u (2) tal-Konvenzjoni TIR, proposti ta' emendi għall-Artikoli 6.2bis u l-Anness 9 tat-test tal-Konvenzjoni TIR, adottati fit-tlieta u ħamsin sessjoni tiegħu li saret f'Ġinevra fid-9 ta' Frar 2012. Fl-10 ta' Lulju 2012, is-Segretarju Ġenerali ħareġ in-Notifika Depożitarja C.N.358.2012.TREATIES, fejn ikkomunika li jekk sal-10 ta' Lulju 2013 ħadd mill-Partijiet Kontraenti ma jkun innotifika xi ogħżejjoni għall-emendi proposti, dawn se jidħlu fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2013.

- (8) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni dwar l-emendi proposti għandha għalhekk tiġi ddeterminata,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' Anness mill-Kumitat Amministrattiv meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

L-emendi għall-Konvenzjoni għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 252, 14.9.1978, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 31, 2.2.1983, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 165, 26.6.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. GILMORE

---

## ANNESS

Fl-Artikolu 6, qiegħed jiddaħħal paragrafu ġdid kif ġej:

**Artikolu 6, paragrafu 2 bis**

Modifika tal-paragrafu 2 bis biex jiġi jinqara:

2 bis Organizzazzjoni internazzjonali tkun awtorizzata mill-Kumitat Amministrattiv biex tieħu r-responsabbiltà tal-organizzazzjoni u l-funzjonament effettivi ta' sistema internazzjonali ta' garanziji. L-awtorizzazzjoni se tingħata jekk l-organizzazzjoni tissodisa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stipulati fl-Anness 9, Taqsima III. Il-Kumitat Amministrattiv jista' jirrevoka l-awtorizzazzjoni jekk dawn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ma jibqhx issodisfati.

Fl-Anness 9, qiegħda tiddaħħal Part III ġdida kif ġej:

**Anness 9, parti III ġdida**

Tidħol il-parti III ġdida biex jiġi jinqara:

Awtorizzazzjoni ta' organizzazzjoni internazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 6, biex tieħu r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament effettivi ta' sistema internazzjonali ta' garanziji u biex tistampa u tqassam Carnets TIR

Kondizzjonijiet u rekwiżiti

1. Il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti li għandhom jiġu rrispettati minn organizzazzjoni internazzjonali sabiex tkun awtorizzata, skont l-Artikolu 6.2bis tal-Konvenzjoni, mill-Kumitat Amministrattiv biex tieħu r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament effettivi ta' sistema internazzjonali ta' garanziji u biex tistampa u tqassam Carnets TIR huma:

- (a) Prova ta' kompetenza professionali tajba u l-pożżiżjoni finanzjarja għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament effettivi ta' sistema internazzjonali ta' garanziji u ta' kapaċċijiet organizzazzjonali biex tissodisa l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni permezz ta' sottomissionijiet annwali ta' rapporti finanzjarji konsolidati awditati kif xieraq minn awdituri indipendenti rikonoxxuti internazzjonalment;
- (b) Nuqqas ta' reati serji jew ripetuti kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali.

2. Skont l-awtorizzazzjoni, l-organizzazzjoni internazzjonali għandha:

- (a) tipprovd i-l-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni TIR permezz tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali affiljati mal-organizzazzjoni internazzjonali b'kopji ċertifikati tal-kuntratt tal-garanzija globali u bi prova tal-kopertura tal-garanzija;
- (b) tipprovd i-l-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni TIR b'informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti għall-ħruġ tal-Carnets TIR mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali;
- (c) tipprovd i-l-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni TIR, fuq bażi annwali, b'deja dwar il-pretensjonijiet ippreżentati, pendentni, imħalla saldati mingħajr pagamenti;
- (d) tipprovd i-l-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni TIR b'informazzjoni sħiħa u kompluta dwar il-funzjonament tas-sistema TIR, b'mod partikolari, imma mhux limitata għal, informazzjoni fwaqtha u fondata tajjeb dwar ix-xejriet fl-għadd ta' operazzjonijiet TIR mhux terminati, pretensjonijiet ippreżentati, pendentni, imħalla saldati mingħajr pagamenti li jistgħu jagħtu lok għal tħassib rigward il-funzjonament tajjeb tas-sistema TIR jew li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fit-tkomplija tal-operat tas-sistema internazzjonali ta' garanziji;
- (e) tipprovd i-l-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni TIR b'deja statistika dwar l-għadd ta' Carnets TIR imqassma lil kull Parti Kontraenti, kategorizzati skont it-tip;
- (f) tipprovd i-l-Bord Eżekutti tat-TIR bid-dettalji tal-prezz tad-distribuzzjoni mill-organizzazzjoni internazzjonali għal kull tip ta' Carnet TIR;
- (g) tieħu l-passi kollha possibbi biex tnaqqas ir-riskju tal-falsifikazzjoni tal-Carnets TIR;
- (h) tieħu azzjoni korrettiva xierqa f'każiżiet fejn jiġu identifikati difetti jew nuqqasijiet fil-Carnet TIR u tirrapportahom iż-żill-Bord Eżekutti tat-TIR;
- (i) tipparteċipa bis-sħiħ fil-każiżiet fejn il-Bord Eżekutti tat-TIR jibalab jiffaċċilita soluzzjoni għal tilwim;

- (k) tiġiġura li kwalunkwe problema li tinvolfi attivitajiet ta' froti jew diffikultajiet oħra fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni TIR tinġieb immedjatament għall-attenzjoni tal-Bord Eżekuttiv tat-TIR;
- (l) timmaniġġja s-sistema ta' kontroll tal-Carnets TIR, prevista fl-Anness 10 tal-Konvenzjoni, flimkien mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali garanti affiljati mal-organizzazzjoni internazzjonali u l-awtoritajiet Deganali u tinforma lill-Partijiet Kontraenti u lill-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni dwar il-problemi li jinqalgħu fis-sistema;
- (m) tipprovi lill-korpi kompetenti tal-Konvenzjoni TIR bl-istatistika u d-dejta dwar il-prestazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tas-sistema ta' kontroll kif previst fl-Anness 10;
- (n) tikkonkludi, mhux inqas minn xahrejn qabel id-data proviżorja tad-dħul fis-seħħ jew it-tiġid tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6.2bis tal-Konvenzjoni, ftehim bil-miktub mas-segretarjat tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mandat minn u faġir għan-nom tal-Kumitat Amministrattiv, li għandu jinkludi l-aċċettazzjoni mill-organizzazzjoni internazzjonali tad-dmiriġiet tagħha stabbiliti f'dan il-paragrafu.
3. Meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun infurmata minn assoċjazzjoni garanti dwar pretensjoni għal pagament, hija għandha, fi żmien perjodu ta' tliet (3) xħur tinforma lill-assoċjazzjoni garanti dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-pretensjoni.
4. L-informazzjoni kollha miksuba, direttament jew indirettament, mill-organizzazzjoni internazzjonali skont il-Konvenzjoni, li min-natura tagħha tkun kufidenzjali jew li tiġi pprovduta fuq bażi kufidenzjali, għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonal u ma għandhiex tintuża jew tiġi pproċessata la għal xi għan kummerċjali u lanqas għal kwalunkwe skop ieħor ħlief dak li għali tkun għidha. Tali informazzjoni tista', madankollu, tiġi żvelata mingħajr il-permess espliċitu tal-persuna jew l-awtorità li provdietha. Tali informazzjoni tista', madankollu, tiġi żvelata mingħajr il-permess lill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni, fejn ikun hemm awtorizzazzjoni jew obbligu li tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali jew internazzjonali jew b'konnessjoni ma' proċeduri legali. L-iżvelar jew il-komunikazzjoni ta' informazzjoni għandhom isiru b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta fis-seħħ.
5. Il-Kumitat Amministrattiv għandu jkollu d-dritt jirrevoka l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6.2 bis f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti. Jekk il-Kumitat Amministrattiv jiddeċiedi li jirrevoka l-awtorizzazzjoni, id-deċiżjoni ssir effettiva l-aktar kmieni sitt (6) xħur wara d-data tar-revoka.
6. L-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjoni internazzjonali skont it-termini stabbiliti hawn fuq għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-organizzazzjoni skont il-Konvenzjoni.

**DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI  
tal-1 ta' Awwissu 2013**

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi  
skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE**

(notifikata bid-dokument C(2013) 4880)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/422/UE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom fannimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjoni jiet 89/187/KEE u 91/664/KEE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/23/KE tistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ tas-sustanzi u grupp ta' residwi mniżżla fl-Anness I tagħha. Dik id-Direttiva teħtieġ li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw annimali u prodotti mill-annimali koperti minn dik id-Direttiva jissottomettu pjan ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovidi l-garanziji meħtieġa. Dak il-pjan għandu mill-anqas jinkludi l-gruppi ta' residwi u sustanzi elenкатi f'dak l-Anness I
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE<sup>(2)</sup> taprova l-pjanijiet stipulati fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE ("il-pjanijiet") imressqa minn ċerti pajjiżi terzi elenkatli fl-Anness tagħha għall-annimali u l-prodotti mill-annimali indikati f'dik il-lista.
- (3) Fid-dawl tal-pjanijiet li tressqu reċentement minn ċerti pajjiżi terzi u t-tagħrif addizzjonal miex sub mill-Kummissjoni, huwa neċċessarju li tiġi aġġornata l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw ċerti annimali u prodotti mill-annimali, kif inhu stipulat fid-Direttiva 96/23/KE u li bħalissa huma elenkatli fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE ("il-lista").
- (4) L-Armenja ppreżentat pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jipprovidi biżżejjed garanziji u għandu jiġi approvat. Għalhekk, fil-lista għandha tiġi inkluża annotazzjoni għall-għasel għall-Armenja.
- (5) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-

rigward tal-Unjoni Ewropea<sup>(3)</sup>, il-Majott ma jibqax pajjiż jew territorju barrani u mill-1 ta' Jannar 2014 isir reġjun ultraperiferiku skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-annotazzjoni għall-Majott għandha titħassar f'din id-data.

(6) San Marino fil-preżent huwa inkluż fil-lista għall-bovini u l-għasel. Dan il-pajjiż terz għarraf lill-Kummissjoni li huwa interessat li jesporta l-laħam tal-porċini lejn l-Unjoni. San Marino pprova l-garanziji mitluba għall-porċini fil-lista b'nota f'qiegħ il-paġna li tindika li pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra appraw l-importazzjoni ja' din il-materja prima lejn l-Unjoni. Għalhekk fil-lista għandha tīgi inkluża annotazzjoni għal San Marino għall-porċini, bir-referenza xierqa għan-nota f'qiegħ il-paġna.

(7) Id-Deċiżjoni 2011/163/UE għandha għalda qstanti tīgi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

**Artikolu 1**

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2013.

**Għall-Kummissjoni**

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40.

<sup>(3)</sup> ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.

## ANNESS

## “ANNESS

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
AD	Andorra	X	X		X								
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X	X (¹)					
AL	L-Albanija		X				X		X				
AM	L-Armenja												X
AR	L-Argentīna	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	
AU	L-Australja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bosnja-Herzegovina					X	X	X	X				X
BD	Il-Bangladexx						X						
BN	Il-Brunej							X					
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X			X								X
BY	Il-Belarus				X (²)		X	X	X				
BZ	Il-Beliż						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Isvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CL	Iċ-Ċilġi	X	X	X		X	X	X			X		X
CM	Il-Kamerun												X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Kosta Rika						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
CU	Kuba						X						X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falklands	X	X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						
GH	Il-Gana												X
GM	Il-Gambja						X						
GL	Il-Groenlandja		X								X	X	
GT	Il-Gwatemala						X						X
HN	Il-Honduras						X						
ID	L-Indoneżja						X						
IL	L-Iżrael					X	X	X	X			X	X
IN	L-Indja						X		X				X
IR	L-Iran						X						
JM	Il-Ġamajka												X
JP	Il-Ġappun	X					X						
KE	Il-Kenja							X (!)					
KG	Kirgiżistan												X
KR	Il-Korea t'Isfel						X						
LB	Il-Libanu												X
LK	Is-Sri Lanka						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
MA	Il-Marokk						X						
MD	Il-Moldova					X	X		X				X
ME	Il-Montenegro	X	X	X		X	X		X				X
MG	Il-Madagaskar						X						X
MK	dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (⁴)	X	X	X		X	X	X	X		X		X
MU	Il-Mawrizju						X						
MX	Il-Messiku				X		X		X				X
MY	Il-Malasja					X (³)	X						
MZ	Il-Możambik						X						
NA	In-Namibja	X	X								X		
NC	Il-Kaledonja Ġidha	X (³)					X				X	X	X
NI	In-Nikaragua						X						X
NZ	In-New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù					X	X						
PF	Il-Polineżja Franċiża												X
PH	Il-Filippini						X						
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbia (⁵)	X	X	X	X (²)	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X		X (⁶)		X
SA	L-Arabja Sawdija						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
SG	Singapor	X (3)	X (3)	X (3)		X (3)	X	X (3)					
SM	San Marino	X		X (3)									X
SR	Is-Surinam						X						
SV	El Salvador												X
SZ	Is-Sważiland	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tunezija					X	X				X		
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	It-Tanzanija						X						X
UA	L-Ukraina					X	X	X	X				X
UG	L-Uganda						X						X
US	L-Istati Uniti	X	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						X
YT (7)	Il-Majott						X						
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X	
ZM	Iż-Żambja												X
ZW	Iż-Żimbabwe						X					X	

(1) Ħalib tal-igħmla biss.

(2) Esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidji ħajjin għall-qatla (annimali li jipproduċu l-ikel biss).

(3) Pajjiżi terzi li jużaw biss materia prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajin li jkunu approvati għall-importazzjonijiet ta' materja prima bħal din lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2.

(4) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; in-nomenklatura definitiva għal dan il-pajjiż se tiġi miftiehma wara n-negozjati attwali fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Mhx inkluż il-Kosovo (din l-indikazzjoni hija mingħajr ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-Qiġi dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo).

(6) Għar-renni mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss.

(7) Entrata mħassra fl-1 ta' Jannar 2014."

## DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Awwissu 2013

**li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfes) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

(2013/423/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROċEDURA

- (1) Il-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 513/2013 <sup>(2)</sup>, imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfes) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ).

### B. IMPENN

#### 1. Offerta ta' impenn

- (2) Wara l-adozzjoni ta' miżuri antidumping provviżorji, grupp ta' produtturi esportaturi li jikkooperaw, inklużi l-kumpaniji relatati tagħhom fir-RPĊ u fl-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ Činiżza għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (minn hawn 'il quddiem is-“CCCME”), offrew impenn konġunt dwar il-prezzijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. L-offerta ta' impenn kienet appoġġjata mill-awtoritajiet Činiżza.

#### 2. Evalwazzjoni tal-offerta ta' impenn

- (3) L-offerta ta' impenn ġiet eżaminata fil-kuntest ta' ċirkos-tanzi tas-suq li nbidlu mill-mument tas-sottomissjoni tal-offerta ta' impenn sal-perjodu tal-investigazzjoni, fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji. Il-bidli osservati jirrigwardaw tnaqqis kemm fil-livelli tal-prezzijiet kif ukoll fil-konsum fis-suq tal-Unjoni,

u huma marbutin ma' diversi fatturi stabbiliti kif ukoll analizzati fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji.

- (4) Il-bidliet fil-livelli tal-prezzijiet f'impenn, kultant jistgħu jiġi indirizzati permezz ta' metodu ta' indiċjar li jgħaqqa il-prezzijiet ta' importazzjoni minimi mal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi kif ikkwotati f'sorsi rikonoxxuti u disponibbli pubblikament. Madankollu, f'dan il-każ ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda korrelazzjoni bejn il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u dawk tal-prodotti finali li tippermetti li jkun hemm metodu affidabbi ta' indiċjar. Sabiex jiġi indirizzat it-tibdil stabbilit fil-livelli tal-prezzijiet, kellu jiġi stipulat metodu alternativ, u ġew użati bħala referenza rapporti tal-prezzijiet minn bażiċiet tad-dejta rappreż-tattivi u pubblikament disponibbli (Bloomberg <sup>(3)</sup> u pvXchange <sup>(4)</sup>) li jispeċjalizzaw fis-settur ikkonċernat.

- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-impenn jista' jseħħ, l-esportaturi Činiżza ppreżentaw offerta ta' impenn konġunta, bi prezz wieħed minimu ta' importazzjoni għall-moduli fotovoltajċi, u prezz għal kull wieħed mill-komponenti ewlenin tagħhom (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfes).

- (6) Barra minn hekk, l-esportaturi Činiżza, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' qlib għal kumpaniji oħra u jagħmluha possibbli u prattika sabiex l-għadd ta' esportaturi parteċipanti jiġu mmonitorjati, offrew li jiżguraw li l-volum tal-importazzjoni magħmula taħt impenn jikkorispondu bejn wieħed u ieħor fuq livell annwali mal-prestazzjoni attwali tagħhom fis-suq.

- (7) L-esportaturi offrew impenn dwar il-prezz. Sabiex jiġi vvalutat jekk dan l-impenn dwar il-prezz ineħħix l-effett dannuż tad-dumping, il-Kummissjoni analizzat, *inter alia*, il-prezzijiet ta' esportazzjoni attwali u l-livell ta' dazju provviżorju. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li l-impenn dwar il-prezz ineħħi l-effett dannuż tad-dumping.

- (8) L-effett dannuż tad-dumping għalhekk jiġi eliminat permezz tal-impenn dwar il-prezzijiet li jkopri l-importazzjoni fil-livelli relataf annwali, u barra minn hekk b'dażju provviżorju *ad valorem* miġbur minn fuq importazzjoni ogħla mil-livelli annwali kif hemm referenza għalih fil-premessa 6 ta' hawn fuq.

<sup>(1)</sup> Informazzjoni disponibbli bi ħlas għall-abbonati tas-Servizz Professionali ta' Bloomberg biss.

<sup>(2)</sup> <http://www.pvxchange.com/>

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU L 152, 5.6.2013, p. 5.

- (9) Is-CCCME sejra wkoll tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u ddettaljata dwar il-bejgħ lill-Unjoni mill-kumpaniji li jippreżentaw l-offerta ta' impenn konġunta, li jfisser li l-impenn jista' jiġi mmonitorjat b'mod effettiv mill-Kummissjoni. Minħabba r-wol attiv tas-CCCME, l-appoġġ mogħti mill-awtoritajiet Ċiniżi u xibka ta' sigurta fil-forma tal-livell annwali msemmi fil-premessa 6, il-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' ċirkomvenzjoni jiġi limitat u jista' jingħeleb mill-konsiderazzjonijiet marbutin mal-bżonn li tiġi żgurata provvista fis-suq tal-Unjoni.

### C. IL-KUMMENT TAL-PARTIJIET U L-AĊĊETTAZZJONI TAL-IMPENN

#### 1. Il-kummenti tal-partijs

- (10) L-offerta ta' impenn qiegħda għad-dispożizzjoni tal-partijs interessati. S'issa ma wasal l-ebda kumment kontra l-aċċettazzjoni tagħha.
- (11) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-impenn offrut mill-produtturi esportaturi huwa aċċettabbli. Il-kumpaniji kkonċernati u s-CCCME ġew infurmati bil-fatti essenzjali, bil-kunsiderazzjonijiet u bl-obbligi li fuqhom tkun ibbażata l-aċċettazzjoni.
- (12) Barra minn hekk, biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel monitoraġġ b'mod effettiv li l-impenn qed jiġi osservat, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali rilevanti, l-eżenjoni mid-dazju antidumping tkun bil-kundizzjoni li:
- (a) tiġi ppreżentata fattura kummerċjali mill-kumpanija elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll ċertifikat maħruġ mis-CCCME li jkun fiha mill-inqas l-elementi elenkati fl-Anness II u fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 513/2013 rispettivament;
  - (b) il-prodotti importati jkunu mmanifatturati, ttrasportati u mogħniha b'fattura direttament mill-kumpaniji elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jew mill-affiljati tagħhom fl-Unjoni li jaġixxu bħala importatur u jirri-laxxaw il-merkanzija għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni kif imsemmi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, jew jghaddha lill-ewwel klijent indipendentli li jaġixxi bħala importatur u jirrilaxxa l-merkanzija għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni;
  - (c) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati għand id-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura kummerċjali.
- (13) Meta ma jiġu ppreżentati l-ebda fattura jew ċertifikat ta' dan it-tip jew meta ma jkunux jikkorrispondu mal-prodott ippreżentat lid-dwana, jew meta fattura kummerċjali li jkun fiha mill-inqas l-elementi tal-Anness IV tar-

Regolament (UE) Nru 513/2013 tiġi ppreżentata, ir-rata xierqa tad-dazju ta' antidumping għandha titħallas minflokhom.

- (14) Kull meta, skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha ta' impenn wara ksur, billi tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara li l-fatturi tal-impenn rilevanti mhumiex validi, jidħol fis-seħħi dejn doganali hekk kif tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni biex it-tranżazzjonijiet joħorġu fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa.
- (15) L-importaturi għandhom ikunu konxji li d-dejn doganali jista' jidħol fis-seħħi bħala riskju normali tan-negożju hekk kif tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni għall-ħruġ fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa, kif deskrift fil-premessi (11) (12), anki jekk l-offerta ta' impenn mill-manifattur li kienu qed jixtru mingħandu direttament jew indirettament tkun għiet aċċettata mill-Kummissjoni.
- (16) Skond l-Artikolu 14(7) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni kull meta jkun hemm indikazzjoni li l-impenn inkiser.
- (17) Fil-każ ta' ksur jew irtirar tal-impenn jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju provviżorju tal-antidumping impost skont l-Artikolu 7 tar-Regolament bażiku jaapplika awtomatikament permezz tal-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku.

#### ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

##### Artikolu 1

L-impenn offrut mill-produtturi esportaturi elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiniżha għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkina ruu u Prodotti Elettroniċi (CCCME), b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kris-tallin u l-komponenti ewleni (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfars) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolare taċ-Ċina, huwa hawnhekk aċċettat.

##### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħi fis-6 ta' Awwissu 2013.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNESS

Il-lista tal-kumpaniji:

Isem il-kumpannija	Kodiċi Taric Addizzjonali
Jiangsu Aide Solar Energy Technology Co. Ltd	B798
Anji DaSol Solar Energy Science & Technology Co. Ltd	B802
Anhui Schutten Solar Energy Co. Ltd Quanjiao Jingkun Trade Co., Ltd.	B801
Xi'an SunOasis (Prime) Company Limited TBEA SOLAR CO. LTD XINJIANG SANG'O SOLAR EQUIPMENT	B804
CSI Solar Power (China) Inc. Canadian Solar Manufacturing (Changshu) Inc. Canadian Solar Manufacturing (Luoyang) Inc. CSI Cells Co. Ltd	B805
Changzhou NESL Solartech Co. Ltd	B806
Changzhou Trina Solar Energy Co. Ltd Trina Solar (Changzhou) Science & Technology Co. Ltd Changzhou Youze Technology Co., Ltd	B791
CHINALAND SOLAR ENERGY CO. LTD	B808
ChangZhou EGing Photovoltaic Technology Co. Ltd	B811
CIXI CITY RIXING ELECTRONICS CO. LTD. ANHUI RINENG ZHONGTIAN SEMICONDUCTOR DEVELOPMENT CO. LTD. HUOSHAN KEBO ENERGY & TECHNOLOGY CO. LTD.	B812
CNPV Dongying Solar Power Co. Ltd	B813
China Sunergy (Nanjing) Co. Ltd. CEEG Nanjing Renewable Energy Co. Ltd CEEG (Shanghai) Solar Science Technology Co. Ltd. China Sunergy (Yangzhou) Co. Ltd. China Sunergy (Shanghai) Co. Ltd.	B809
Chint Solar (Zhejiang) Co., Ltd.	B810
Delsolar (Wujiang) Ltd	B792
Dongfang Electric (Yixing) MAGI Solar Power Technology Co. Ltd	B816
Era Solar Co. Ltd	B818
ET Solar Industry Limited ET Energy Co.,Ltd	B819
GD Solar Co. Ltd	B820
Konca Solar Cell Co. Ltd Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co. Ltd Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co. Ltd Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED GCL Solar System (Suzhou) Limited	B850

Isem il-kumpannija	Kodiċi Taric Addizzjonali
Guodian Jintech Solar Energy Co. Ltd.	B822
Hangzhou Bluesun Solar Energy Technology Co. Ltd	B824
Hangzhou Zhejiang University Sunny Energy Science and Technology Co., Ltd Zhejiang Jinbest Energy Science and Technology Co., Ltd	B825
Hanwha SolarOne (Qidong) Co. Ltd.	B826
Hengdian Group DMEGC Magnetics Co. Ltd	B827
HENGJI PV-TECH ENERGY CO.,LTD.	B828
Jiangsu Green Power PV Co. Ltd	B831
Jiangsu Hosun Solar Power Co. Ltd	B832
Jiangsu Jiasheng Photovoltaic Technology Co. Ltd	B833
Jiangsu Runda PV Co. Ltd	B834
Jiangsu Sainty Photovoltaic Systems Co. Ltd	B835
Jiangsu Sainty Machinery Imp. And Exp. Corp.,Ltd.	B835
Jiangsu Seraphim Solar System Co. Ltd	B836
Jiangsu Shunfeng Photovoltaic Technology Co. Ltd Changzhou Shunfeng Photovoltaic Materials Co. Ltd Jiangsu Shunfeng Photovoltaic Electronic Power Co. Ltd	B837
Jiangsu Sinski PV Co. Ltd	B838
Jiangsu Sunlink PV Technology Co. Ltd	B839
Jiangsu Zhongchao Solar Technology Co. Ltd	B840
Jiangxi LDK Solar Hi-Tech Co. Ltd LDK Solar Hi-Tech (Nanchang) Co. Ltd LDK Solar Hi-Tech (Suzhou) Co. Ltd	B793
Jiangyin Hareon Power Co. Ltd Hareon Solar Technology Co. Ltd Taicang Hareon Solar Energy Co. Ltd	B842
Jiangyin Shine Science and Technology Co. Ltd	B843
JingAo Solar Co.Ltd. Shanghai JA Solar Technology Co. Ltd. JA Solar Technology Yangzhou Co. Ltd. Hefei JA Solar Technology Co. Ltd. Shanghai JA Solar PV Technology Co. Ltd.	B794
Jinko Solar Co. Ltd Jinko Solar Import and Export Co. Ltd ZHEJIANG JINKO SOLAR CO. LTD ZHEJIANG JINKO SOLAR TRADING CO. LTD	B845
Jinzhou Yangguang Energy Co. Ltd Jinzhou Huachang Photovoltaic Technology Co. Ltd Jinzhou Jinmao Photovoltaic Technology Co. Ltd Jinzhou Rixin Silicon Materials Co. Ltd Jinzhou Youhua Silicon Materials Co. Ltd	B795

Isem il-kumpannija	Kodiċi Taric Addizzjonali
Juli New Energy Co. Ltd	B846
Jumao Photonic (Xiamen) Co. Ltd	B847
Kinve Solar Power Co.Ltd (Maanshan)	B849
Lightway Green New Energy Co. Ltd Lightway Green New Energy(Zhuozhou) Co. Ltd	B851
MOTECH (SUZHOU) RENEWABLE ENERGY CO.,LTD	B852
NICE SUN PV CO. LTD LEVO SOLAR TECHNOLOGY CO. LTD	B854
Ningbo Huashun Solar Energy Technology Co.,Ltd	B856
Ningbo Jinshi Solar Electrical Science & Technology Co. Ltd	B857
Ningbo Komaes Solar Technology Co. Ltd	B858
Ningbo Osda Solar Co. Ltd	B859
Ningbo Qixin Solar Electrical Appliance Co.Ltd	B860
Ningbo Sunbe Electric Ind Co. Ltd	B862
Ningbo Ulica Solar Science & Technology Co.,Ltd.	B863
Perlight Solar Co. Ltd	B865
Phono Solar Technology Co. Ltd Sumec Hardware & Tools Co. Ltd	B866
RISEN ENERGY CO. LTD	B868
SHANDONG LINUO PHOTOVOLTAIC HI-TECH CO. LTD	B869
SHANGHAI ALEX SOLAR ENERGY SCIENCE & TECHNOLOGY CO. LTD	B870
SHANGHAI ALEX NEW ENERGY CO. LTD	B870
Shanghai BYD Co. Ltd BYD(Shangluo)Industrial Co.Ltd	B871
Shanghai Chaori Solar Energy Science & Technology Co. Ltd Shanghai Chaori International Trading Co., Ltd	B872
SHANGHAI SHANGHONG ENERGY TECHNOLOGY CO. LTD	B874
SHANGHAI SOLAR ENERGY S&T CO. LTD Shanghai Shenzhou New Energy Development Co. Ltd Lianyungang Shenzhou New Energy Co. Ltd	B875
Shenzhen Sacred Industry Co.Ltd	B878
Shenzhen Topray Solar Co. Ltd Shanxi Topray Solar Co. Ltd Leshan Topray Cell Co. Ltd	B880

Isem il-kumpannija	Kodiċi Taric Addizzjonali
Sopray Energy Co. Ltd Shanghai Sopray New Energy Co. Ltd	B881
SUN EARTH SOLAR POWER CO. LTD. NINGBO SUN EARTH SOLAR POWER CO. LTD. Ningbo Sun Earth Solar Energy Co. Ltd.	B882
SUZHOU SHENGLONG PV-TECH CO. LTD	B883
Wenzhou Jingri Electrical and Mechanical Co. Ltd	B886
Wuhu Zhongfu PV Co. Ltd	B889
Wuxi Sajing Solar Co. Ltd.	B890
Wuxi Shangpin Solar Energy Science and Technology Co..Ltd	B891
Wuxi Solar Innova PV Co. Ltd	B892
Wuxi Suntech Power Co. Ltd Suntech Power Co. Ltd Wuxi Sunshine Power Co. Ltd Luoyang Suntech Power Co. Ltd Zhenjiang Rietech New Energy Science Technology Co. Ltd Zhenjiang Ren De New Energy Science Technology Co. Ltd	B796
Wuxi Taichang Electronic Co. Ltd Wuxi Machinery & Equipment Import & Export Co., Ltd. Wuxi Taichen Machinery & Equipment Co., Ltd.	B893
Xi'an Huanghe Photovoltaic Technology Co. Ltd State-run Huanghe Machine-Building Factory Import and Export Corporation	B896
Shanghai Huanghe Fengjia Photovoltaic Technology Co. Ltd	B896
Xi'an LONGi Silicon Materials Corp. Wuxi LONGi Silicon Materials Co., Ltd.	B897
Years Solar Co. Ltd	B898
Yingli Energy (China) Co. Ltd Baoding Tianwei Yingli New Energy Resources Co. Ltd Hainan Yingli New Energy Resources Co. Ltd Hengshui Yingli New Energy Resources Co. Ltd Tianjin Yingli New Energy Resources Co. Ltd Lixian Yingli New Energy Resources Co. Ltd Baoding Jiaosheng Photovoltaic Technology Co. Ltd Beijing Tiansheng Yingli New Energy Resources Co. Ltd Yingli Energy (Beijing) Co. Ltd	B797
Yuhuan BLD Solar Technology Co. Ltd Zhejiang BLD Solar Technology Co. Ltd	B899
Yuhuan Sinosola Science & Technology Co.Ltd	B900
Zhangjiagang City SEG PV Co. Ltd	B902
Zhejiang Fengsheng Electrical Co. Ltd	B903
Zhejiang Global Photovoltaic Technology Co. Ltd	B904
Zhejiang Jiutai New Energy Co. Ltd Zhejiang Topoint Photovoltaic Co. Ltd	B906

Isem il-kumpannija	Kodiċi Taric Addizzjonali
Zhejiang Kingdom Solar Energy Technic Co. Ltd	B907
Zhejiang Shuqimeng Photovoltaic Technology Co. Ltd	B911
Zhejiang Sunflower Light Energy Science & Technology Limited Liability Company Zhejiang Yauchong Light Energy Science & Technology Co. Ltd	B914
Zhejiang Trunsun Solar Co. Ltd Zhejiang Beyondsun PV Co. Ltd	B917
Zhejiang Xiongtai Photovoltaic Technology Co. Ltd	B919
ZHEJIANG YUANZHONG SOLAR CO. LTD	B920
RENESOLA ZHEJIANG LTD RENESOLA JIANGSU LTD	B921
Zhongli Talesun Solar Co. Ltd	B922
ZNSHINE PV-TECH CO. LTD	B923

## AVVIŻ LILL-QARREJJA

**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea**

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċeżżjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

## NOTA LILL-QARREJJA – KIF TIRREFERI GĦALL-ATTI

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-mod ta' kif jiġu ċċitati l-atti nbidel.

Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-metodu l-ġdid jibqa' jeżisti flimkien mal-qadim.

**EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU**

**MT**